

Brussell, 12 ta' Meju 2026
(OR. en)

8931/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0060 (NLE)

RECH 207
RELEX 601

NOTA

| | |
|------------------|--|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 8120/26 |
| Nru dok. Cion: | 6868/26 |
| Suġġett: | <i>Tħejjija għall-Kunsill (Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)) tat-28 u d-29 ta' Meju 2026</i> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas tal-Unjoni Ewropea għad-diplomazija dwar ix-xjenza - Adozzjoni |

1. Fl-4 ta' Marzu 2026, il-Kummissjoni ppubblikat proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas tal-Unjoni Ewropea għad-diplomazija dwar ix-xjenza¹.
2. Il-proposta twieġeb sejħa mill-Kunsill lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex jiżviluppaw Aġenda Ewropea għad-diplomazija dwar ix-xjenza².
3. Wara preżentazzjoni mill-Kummissjoni fl-4 ta' Marzu 2026, il-proposta għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka fil-laqgħat tiegħu tal-25 ta' Marzu u l-4 ta' Meju 2026. Abbażi tal-kontribut tad-delegazzjonijiet, ġew ippreżentati għad-diskussjoni żewġ testi ta' kompromess tal-Presidenza.

¹ 6868/26.

² 12301/21.

4. Intlaħaq qbil dwar it-test tal-abbozz finali mill-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka wara proċedura ta' silenzju informali, li ġiet konkluża fis-7 ta' Mejju 2026.
5. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti hu mistieden:
 - (a) jikkonferma l-qbil milħuq fil-livell tekniku dwar it-test tal-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas tal-Unjoni Ewropea għad-diplomazija dwar ix-xjenza, kif jinsab fl-addendum ta' din in-nota (dok. 8931/26 ADD 1),

u
 - (b) jirrakkomanda lill-Kunsill (Kompetittività/Riċerka) biex jadotta r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas tal-Unjoni Ewropea għad-diplomazija dwar ix-xjenza, kif tinsab fl-addendum ta' din in-nota (dok. 8931/26 ADD 1), fis-sessjoni tiegħu tad-29 ta' Mejju 2026, bil-ħsieb tal-pubblikazzjoni sussegwenti tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
